# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**Abdulkarim Mohamed El Magtouf u Khaled Eddali**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta`

(1) **Abdulkarim Mohamed El Magtouf** (aktar l-isfel magħruf bħala "El Magtouf") bin Mohamed u Aysha, imwieled Tripli, l-Libja fis-6 ta' Jannar 1990 u detentur tal-karta tal-identita 133401A;

(2) **Khaled Eddali** (aktar l-isfel magħruf bħala "Eddali") bin Nagi u Hadiga nee Tayb, imwieled il-Libja fis-7 ta' Diċembru 1989 u residenti u li għandu l-karta tal-identita maħruġa mill-Kummissarju għar-refuġjati numru 16897.

U li ġew akkużati talli nhar it-2 ta' Marzu 2016 bejn l-16:00 u l-17:00 fil-Floriana u/jew f'inħawi oħra ta' dawn il-gżejjer :

1. Mingħajr ħsieb li joqtlu jew li jqegħdu l-ħajja ta' Amadou Dia f'periklu ċar, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċjoe offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Amadou Dia u dan skont ma ċċertifikah Dr. Daniel Varnaj MD reg 3933 tal-isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali;

U lil Khaled Eddali waħdu ġie akkużat li fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi

2. Ġarr il-barra minn fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorti kien mingħajr ma kellu liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Kif ukoll li rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 289, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tas-7 ta' Marzu 2016 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputati skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputati wieġbu li ma kellhomx oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 5 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputati ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputati, debitament assistiti mill-Avukat Difensur tagħhom, tennew li m'humiex ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Semgħet il-provi prodotti;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet;

***Ikkunsidrat***

**L-ewwel imputazzjoni**

Li kwantu għall-provi diretti li jistgħu jagħtu lok dwar x'seħħ fl-inċident de quo, dil-Qorti għandha x-xiehda principalment dettaljata tal-allegat

vitma tal-akkadut, ossija Amadou Dia kif ukoll ix-xiehda ta' PS507 u PC710 li marru fuq il-post immedjatament wara l-allegat inċident.

<u>L-istqarrijiet tal-imputati.</u>

Mill-istqarrija tal-imputat El Magtouf jirriżulta li dan innega li kien involut f'xi inċident jew ġlieda viċin bieb il-Belt fid-data rilevanti għall-każ.

L-imputat Eddali jgħid li kien xurban u jaf li kien involut għax xi ħadd kien sawtu ġo wiċċu u li kien ra ħafna nies flimkien u kif wasal qrib dawn in-nies qala' xi daqqa hu u ma kienx jaf min tahielu. Jgħid li hu ma mess lil ħadd. Hu kien fis-sakra pero ra ħafna nies jiġġieldu ġo xulxin. X'għamel hu ma jiftakarx per ma kienx qiegħed iġorr mus. Huwa jiċħad li l-imputat El Magtouf kien mar għalih biex jgħinu fil-ġlieda kontra persuna ta' karnaġġjon skur. Huwa ħalef bil-ġurament u bil-mejtin tiegħu li lil din il-persuna la sawtu u l-anqas heddu b'sikkina dakinhar għax ma kellux sikkina fuqu dakinhar.

Ix-xiehda tal-Aġenti tal-Pulizija li marru fuq il-post

Ix-xiehda ta' PS 507 Rhys Cassar u PC 710 Stephen Aquilina hija simili fis-sens li jgħidu li wara li ħadu d-denunzja tal-allegat reat, huma marru fuq il-post u sabu inter alia lill-allegat vitma jiġi mdewwi minn infermier u kien hemm l-ambulanza. L-allegat vitma beda jilmenta minn uġiegħ f'ġenbejh u kellu wkoll qatgħat fuq saqajh. Iż-żewġt aġenti tal-Pulizija marru l-Isptar Mater Dei fejn ħadu l-ewwel verżjoni tal-allegat vitma. Wara li kelmuh dan tahom verżjoni li wara li kien Putirjal ser jirkeb tal-linja, kien ġie mwaqqaf minn tliet persuni Għarab li ma ħallewhx jitla' fuq tal-linja u f'daqqa waħda daruh u tawh xebgħa, għajtu wkoll għal għajnuna ta' nies oħra u wieħed minn dawk li daruh ħareġ mus u kien hemm ieħor li kisser flixkun tal-ħġieġ u nifdu f'siequ x-xellugija. Dan waqa' mal-art u waqt li kien mal-art komplew ituh bis-sieq u bil-ponn. Iċ-ċertifikat mediku maħruġ lilu kien jgħid li huwa sofra ġrieħi ta' natura gravi.

Ix-xiehda ta' Amadou Dia

Amadou Dia huwa persuna mill-Mali li jitkellem Ingliż bażiku. Il-Qorti għamlet sforz kbir biex tifhem sewwa dak li kien qiegħed jgħid kemm għaliex l-Ingliż tiegħu huwa bażiku u kemm għaliex il-pronunzja tal-

Ingliż tiegħu kienet waħda diffiċli li tinftiehem. Biss bil-paċenzja dovuta, l-Qorti fehmet sewwa dak li dan ix-xhud kien qiegħed jgħid. Xi drabi l-Qorti kellha wkoll tirrepeti dak li x-xhud kien qiegħed jixhed lill-partijiet għaliex beda jitkellem minn taħt l-ilsien.

Fi ftit kliem dan ix-xhud jixhed li kien l-Imsida u kien lesta mix-xogħol. Meta ħaseb lura lejn id-dar rikeb ix-xarabank u peress li kien hemm in-nies huwa talab lil xi passiġġiera biex jidħlu l-ġewwa jew biex jidħol il-ġewwa huwa stess (A fol 60 jgħid "I no say move, I say please go back" u a fol 74 jgħid "Yes I said *sorry can I go back* they say no"). Uħud minn dawn in-nies irrifjutaw. Huwa kellu jibqa ħdejn ix-xufier iżomm ma ħadida.

Meta niżel Putirjal huwa ddeċieda li jmur jieħu kafe. Iżda kien hemm tnejn li reġgħu konfrontawh fuq dak li ġara fuq ix-xarabank ftit qabel. Huwa tenna li ma kien għamel xejn. Biss fix-xena daħlu l-ewwel l-imputat El Magtouf li staqsih għaliex kien qiegħed ikellem lil dawk il-passiġġiera l-oħra fuq ix-xarabank. U jidher li hawn kompla jinħema argument. El Magtouf wara mar iġib lil Eddali u magħhom ingħaqdu wkoll nies oħra li b'kollox f'dak l-istadju saru xi disgħa.

Amadou Dia jixhed li huwa kien għaraf liż-żewġt imputati u li kien ċert mill-involviment tagħhom f'dan il-każ – u dan anke fuq mistoqsija speċifika u diretta tal-Qorti f'dan is-sens. Fil-fatt huwa ma kienx biss identifikahom fl-Awla dakinhar li xehed iżda kien ukoll identifikahom nhar il-5 ta' Marzu 2016 meta huwa kien mar l-Għassa tal-Pulizija tal-Belt fejn informa lill-Aġenti tal-Pulizija preżenti li huwa kien ra' lill-imputati fil-gabbana magħrufa ta' Kartieri. Dia flimkien ma' PS1114 Marlon Hili marru fuq il-post u hemmhekk l-allegat vitma reġgħa identifika lill-imputati fost xi nies oħra li kien hemm f'din il-gabbana. Fil-fatt meta PS1114 xehed quddiem din il-Qorti, huwa identifika wkoll lill-imputati bħala dawk il-persuni li kienu ġew identifikati minn Dia dakinhar tal-5 ta' Marzu 2016.

Il-Qorti trid tagħmilha ċara li hija għarblet lil dan ix-xhud Amadou Dia mill-għarbiel tal-kriterja legali provduti mill-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti semgħet lil dan ix-xhud u għarblet dak li qal b'attenzjoni kbira għaliex huwa l-akkużatur prinċipali u uniku taż-żewġt imputati. Biss din il-Qorti rat li dan ix-xhud huwa ta' min jemnu u joqgħod fuqu u tqis li x-xiehda tiegħu għandha tagħmel prova sħiħa u kompluta f'kollox f'dan il-każ.

Minkejja d-diffikulta lingwistika tiegħu huwa xorta waħda esprima għal aktar minn darba l-involviment differenti u b'mod individwali tal-

imputati. Il-Qorti rat l-imġieba tiegħu fuq il-pedana tax-xiehda u l-kondotta tiegħu li kienet tibki għal ġustizzja miegħu f'dan il-każ. Il-verżjoni tal-fatti rakkontata minnu għandha mis-sewwa u kien konsistenti fi kliemu u fl-istorja li huwa rrakkonta lil Qorti.

Kif intqal aktar il-fuq Amadou Dia jattribwixxi responsabbiltajiet differenti u gradi t'involviment differenti lil Eddali u lil El Magtouf. Għalkemm ix-xiehda tiegħu dwar il-mod kif żvolġa l-inċident mhix direttament korroborata, hija korroborata indirettament minn dak mistqarr minn Eddali fl-istqarrija tiegħu fis-sens li dakinhar tal-inċident, qabel xejn, verament seħħ inċident u verament li kien involut fih Eddali.

Dia jixhed b'mod ċar li Eddali kien ġie msejjah minn El Magtouf sabiex jintervjeni f'dan il-każ. Biss meta Eddali għażel li jidħol fl-istorja, Dia jixhed li dan għamel hekk b'mod preċiż. Dia jiddeskrivi lil Eddali bħala "the short one". Dan minħabba l-fatt li hemm differenza notevoli fl-istatura bejn Eddali u El Magtouf. Skont Dia meta xehed f'paġna 65, Eddali ossija "the short one had a sikkina in his hand". Huwa jgħid li Eddali ħariġha malajr mill-but tal-qalziet u fetaħha malajr. Hawnhekk il-Qorti tifhem li Dia qiegħed jirreferi għal mus li jinfetaħ u jingħalaq fil-maqbad tiegħu. Dia jtenni li Eddali ħareġ u fetaħ dan il-mus malajr. F'paġna 66 jixhed is-segwenti (anke billi l-Qorti sarfet fi kliem il-ġesti li kien qiegħed jagħmel Dia biex jispjega lilu nnifsu) :

Court: so the knife that he hit you with was closed and he opened it?

Witness: .......

Court: He took it from his pocket.

Witness: was come like this fast.

Court: he opened it fast and he hit you?

Witness: Yes.

Court: and where did he hit you?

Witness: here they cut me two times.

Court; on your left hand side on your tigh?

Witness: Yes.

Court: and how many times did the shorter one hit you with his knifw?

Witness: he cut me two times.

Din hija silta li turi b'mod ċar l-involviment ta' Eddali f'dan l-inċident. Eddali jixhed li huwa ma jiftakarx x'ġara fl-inċident għax kien fis-sakra. Pero Dia jiftakar ċar x'ġara għax dan l-episodju irrakkuntah għal aktar minn darba u kien kemm ċar kif ukoll konsistenti dwar min fost l-imputati taħ id-daqqiet ta' sikkina.

Il-Qorti rat ukoll mix-xiehda ta' Dia li kien hemm aggressur ieħor minn dawk id-disgħa li kellu wkoll flixkun imkisser f'idu. Biss Dia jixhed li kien Eddali li tah darbtejn bis-sikkina fuq koxtu x-xellugija. PS507 u PC710 jixhdu li fis wara l-akkadut l-imputat qallhom li kien qala d-daqqiet f'koxtu bil-flixkun imkisser. Biss quddiem din il-Qorti kien ċar

ħafna fir-rigward ta' kif din l-offiża seħħet fuq il-persuna tiegħu u dwar min wettaqgha. Din id-diskrepanza tista' tiġi spjegata faċilment jekk wieħed iqis id-diffikulta' lingwistika li biha jesprimi ruħu dan ix-xhud u huwa verosimili li l-Pulizija hawn fuq imsemmija fehmuh ħażin. Dan qiegħed jingħad għaliex Dia jirreferi għall-imputati ripetutament bħala dawk li darbuh u speċifikament għal Eddali bħala dak li darbu bis-sikkina.

> A fol 65 Dia jixhed li :
>
> Witness: the short one had a sikkina in his hand.
>
> Court: so Khaled Eddali had a knife in his hand. So those are the trousers that you were wearing?
>
> Witness: This. Look if I say you can ask the Police, you can ask Doctor what he make he cut.
>
> Court: so please put it here, put it here, put it there on the table. And that trousers was torn by means of this knife?
>
> Witness: yes knife.
>
> Court: that Mr. Eddali, the shorter one was carrying?
>
> Witness: Ehe. The short one have the knife, the tall one the other one glasses.

A fol 68 sa 70 Dia ġie pressat mill-Qorti sabiex tiddetermina kemm kien ser jibqa' konsistenti ma dak li kien qiegħed jgħid u fil-fatt waqt li kien qiegħed jixhed jgħid :

> Witness: talk to him but he come... the tall one come and bring the short one and they come...

Court: and the shorter one hit you twice with a knife he took from his pocket?

Witness : yes.

Court: however the taller one did not have a knife?

Witness: No.

Court: Not but he kicked you in the chest?

Witness: He have glasses another friend who had glasses again.

Court: they had a glass, but did they hit you with the glass?

Witness: they hurt me with the knife because he scare me up too much hand I have no idea. I don't know what I have to make.

Miċ-ċertifikat tat-Tabib Daniel Varnaj jirriżulta li fost ġrieħi oħra dan it-tabib irriskontra "superficial LCW approx 3 cm L lateral thigh". Il-Qorti qegħda tifhem li din tfisser qasma superfiċjali twila madwar 3 ċentimetri fuq il-parti laterali tal-koxxa tas-sieq ix-xellugija. Din il-Qorti tqis li din ma kienetx l-unika offiża kaġunata fuq il-persuna ta' Dia f'dan l-inċident.

Mill-banda l-oħra l-involviment ta' El Magtouf ma kienx jinvolvi l-użu ta' sikkina. Iżda El Magtouf jiġi deskritt minn Dia bħala dak li tkellem mal-vittma dwar dak li seħħ fuq ix-xarabank u li mar iġib lil Eddali għall-għajnuna. Biss El Magtouf ma waqafx hemm. Dia jiddeskrivi lil El Magtouf bħala wieħed minn dawk id-disgħa minn nies li daruh u sawtuh bil-ponn u bis-sieq. F'paġna 62 Dia jixhed li :

Witness: Yes. The bus from Msida to Valletta... imbagħad we come Valletta go down the bus, two they go, one stayed near me imbagħad I

want to take cafe', these two people they go bring other people, one asking me they say what I was talking in the bus. I say what I was talking in the bus. I say I not talking nothing, I say I can go back, you say no, I said please, you said no, I think I said nothing wrong... he say ... we are Africa people...

Court: just a second please, just a second. Did any one of these two people you mentioned hit you at any stage?

Witness: yes they hurt me.

Court: they hit you?

Witness: yes.

Kif intqal aktar il-fuq, a fol 65 jirriżulta wkoll li El Magtouf kellu wkoll xi flixkun imkisser f'idu – għalkemm mhux ċar jekk Dia intlaqatx bih waqt dan l-inċident. Li hu żgur pero li El Magtouf ipparteċipa f'din l-aggressjoni kontra tal-imputat. A fol 67 Dia jixhed li :

Court : Two times right and what did the taller one do?

Witness: the tall one ... no idea.

Court: you don't have any idea.

Witness: ...start punching me here like.

Court: the taller one started punching you?

Witness: yes like football brake here.

Court: so kicking you like football?

Witness: Yes.

Court: and he kicked you on your left hand side chest?

Witness: Yes, no start going my back everyone hurting me.

Court: So they kicked you, both of them kicked you?

Witness: because too much people...

> Court: so apart from these two persons there were other people who were kicking you?
>
> Witness: Yes. There were nine person. Everybody.
>
> Court: ... Who is not here in this Court room?
>
> Witness: ... the one, the ... I know him.
>
> Court: so which one of them do you know?
>
> Witness: the tall one.

Dia jidentifika lil El Magtouf bħala wieħed minn dawn id-disa' aggressuri u li taħ daqqiet ta' sieq ukoll.

Mix-xiehda ta' Dia jirriżulta li l-parteċipazzjoni tal-imputati, għalkemm użaw mezzi differenti, kienet waħda attiva – fil-każ ta' Eddali kemm bl-użu ta' mus kif ukoll billi ssokta fl-aggressjoni tiegħu; filwaqt dik ta' El Magtouf hija konfermata bħala wieħed minn dawk li pparteċipaw mal-miġgħema ta' disa' minn nies li aggredew u sawtu u taw bis-sieq u bil-ponn lil Dia.

Konsegwenza ta' din l-aggressjoni subita minn Dia, jirriżulta li dan ma sofriex biss minn dik il-qasma superfiċjali fil-parti laterali tal-koxxa xellugija tiegħu. Iżda huwa ġie wkoll iċċertifikat li kellu :

1. Nefħa fuq moħħu fuq in-naħa tax-xellug;
2. Nefħa u rtubija fuq in-naħa tal-lemin ta' wiċċu;

3. Mill-x-ray ta' sidru irriżulta li kellu waħda mill-kustilji tax-xellug li kienet miksura;
4. Mis-CT scan tal-abdomen tiegħu irriżulta li kien hemm "pleural effusion" u kien hemm ukoll kontużjoni żgħira fuq il-pulmun tiegħu.

Din hija evidenza li dak li qal Dia huwa minnu fis-sens li huwa kien qala' xebgħa tajba kif deskritta minnu. Il-konklużjoni tat-tabib Daniel Varnaj hija li dawn il-ġrieħi kienu klassifikabbli bħala ta' natura gravi. Fil-fatt huwa fatt magħruf anke minn każistika ta' dawn il-Qrati li biex frattura ta' kustilja tfieq trid sa' sitt ġimgħat żmien, sakemm ma jkunx hemm kumplikazzjonijiet.

Mill-assjem tal-provi il-Qorti hija konvinta li l-imputat sofra kemm minn offiżi ta' natura ħafifa kif ukoll minn offiża ta' natura gravi skont kif imputat.

Fit-trattazzjoni tagħha d-difiża ttenni li kien hemm diversi nies li ħadu sehem f'din il-ġlieda, li fi kwalunkwe każ kienet waħda aċċidentali. Għalkemm huwa veru li skont ix-xiehda ta' Dia kien hemm disgħa minn nies li pparteċipaw f'din l-aggressjoni kontra tiegħu, il-Qorti ma taqbilx li din hija klassifikabbli bħala ġlieda aċċidentali. Din kienet aggressjoni

kontra ta' Dia li anke mill-kliem li juża Dia jidher li fiha wkoll riħa qawwija ta' razziżmu (għalkemm il-Prosekuzzjoni naqset milli timputa dan). Issa huwa veru wkoll li Dia jgħid li d-disgħa li huma tawh daqqiet ta' sieq u ta' ponn, u dan minbarra d-daqqa bil-mus li taħ Eddali. Mhux possibbli li jiġi determinat bi preċiżjoni min fost dawk id-disa' persuni kien dak li tah id-daqqa li kkawżat il-frattura fil-kustilja tiegħu u li anke ssarfet fi "pleural effusion" nonche kontuzjoni żgħira fuq il-pulmun. Pero l-Artikolu 467(3) tal-Kodiċi Kriminali, reż applikabbli għal din il-Qorti mill-Artikolu 525 (3) tal-istess Kodiċi jippreskrivi li :

> (3) Meta tnejn min-nies jew aktar ikunu akkużati bħala awturi ta' reat u jiġi ippruvat li dan ir-reat sar minn wieħed minnhom jew aktar, iżda ma jiġix ippruvat minn liema wieħed jew uħud minnhom, il-ġuri jista' jiddikjara lill-akkużati kollha ħatjin bħala kompliċi fir-reat, jekk ikun ġie ippruvat li lkoll ħadu fir-reat parti biżżejjed biex tagħmilhom kompliċi.

Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-każ, mix-xiehda ta' Amadou Dia, kemm Eddali kif ukoll El Magtouf ħadu parti biżżejjed fit-twettieq ta' dan ir-reat biex tagħmilhom kompliċi fl-ikkaġunar t'offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Amadou Dia.

Inoltre anke jekk *gratia argomenti* ma tiġix identifika l-persuna li bid-daqqiet tagħha ġiet ikkawżata l-frattura, kif mgħallem mill-Qorti Kriminali sede appellanti fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Giovanni Catania deċiża mill-Imħallef A. J. Montanaro Gauci nhar it-3 ta' Marzu

1951 jekk għadd ta' persuni jieħdu parti fi ġlied u storbju fejn xi ħadd jiġi offiż fuq il-persuna tiegħu b'mod li dawk ikunu ikkontribwew sabiex ikomplu jsaħħu d-"determinazzjoni kriminuża" ta' dawk li fosthom ikunu kkaġunaw l-offiżi għandhom jitqiesu wkoll ħatja ta' dawk l-offiżi. Il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-Liġi li l-parteċipazzjoni tal-imputati kienet tali li jekk ma kienux huma li kkawżaw il-frattura in kwistjoni, definittivament kienu dawk li bil-parteċipazzjoni tagħhom mistqarra minn Dia saħħew id-determinazzjoni kriminuża ta' dak jew dawk li kkaġunaw il-frattura u l-offiżi l-oħra fuq il-persuna ta' Dia.

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**

Għalkemm il-provi juru li Dia qala' almenu daqqa ta' mus mingħand l-imputat Eddali, huwa fatt li dan l-istrument kontundenti baqa' ma ġiex rintraċċjat. Il-Qorti emnet lil Dia li huwa qala' daqqa ta' dan l-istrument kontundenti. Iżda meta mitlub jiddeskrivi din l-arma li ġiet użata kontra l-persuna tiegħu, huwa ma kienx f'qagħda li jiddeskrivi dan. Anżi meta l-Qorti tagħtu riga biex ikun jista jiffriska l-memorja u jqejjes magħha huwa ta indikazzjoni li t-tul ta' din l-arma kienet ta' madwar erba' ċentimetri.

Il-Prosekuzzjoni addebitat ir-reat taħt l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-imputat Eddali. Din il-Qorti ma tistax issib lil Eddali ħati ta' dan ir-reat in kwantu li l-arma de quo mhux biss ma ġietx rintraċċjata u eżibita talli setgħet kienet ukoll kolpita mid-disposizzjoni tal-Artikolu 7 tal-Att dwar l-Armi. Dan jipprovdi li d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-istess Att ma jgħoddux għal mus li jkollu xafra li toħroġ mhux aktar minn tminn ċentimetri mill-maqbad u li jista' raġonevoment jitqies li jkun qed jinġarr bil-għan li jsir dak l-użu minnu bħal dak li soltu jsir minn mus. Fiċ-ċirkostanzi il-Qorti tqis li ma tistax issib lil Eddali ħati ta din l-imputazzjoni.

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**

Illi l-Prosekuzzjoni addebitat lil Eddali ir-reċidiva. Biss baqgħet ma resqet ebda prova in sostenn għal din l-imputazzjoni. Il-fedina penali waħedha mhix biżżejjed biex tipprova dan l-addebitu. Għalhekk il-Qorti ma tistax issib lil Eddali reċidiv kif mitlub.

# ***<u>Deċide</u>***

Li wara li rat l-Artikoli 49, 50, 214, 216(1)(d), 221(1) u 289 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda ssib lil **Khaled Eddali** mhux ħati tat-tieni u t-tielet

imputazzjonijiet stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad li trid il-Liġi u għalhekk qegħda tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

Mill-banda l-oħra wara li rat ukoll l-Artikoli hawn fuq ċitati flimkien mal-Artikoli 42 u 467(3) tal-Kodiċi Kriminali reż applikabbli bl-Artikolu 525(3) tal-Kodiċi Kriminali qegħda ssib lill-imputat **Abulkarim Mohamed El Magtouf** u lil **Khaled Eddali** ħatja tal-ewwel imputazzjoni fil-kapaċita tagħhom ta' kompliċi.

Illi kwantu ta' piena il-Qorti rat ukoll is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Zahra*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Prim'Imħallef Emeritus V. De Gaetano nhar id-9 ta' Settembru 2002 fejn kien ġie deċiż li :

> Kull forma ta' vjolenza fuq il-persuna ghandha, bhala regola, iggib maghha piena restrittiva tal-liberta' tal-persuna b'effett immedjat…

U dan peress li :

> Socjeta` civili ma tistax tittollera l-prepotenza ta' min, ghax taqbizlu c-cinga, jew ghax jidhirlu li ghandu lment kontra haddiehor (anke jekk dak l-ilment ikun fil-fatt gustifikat) jahbat ihebb jew isawwat lil dak il-haddiehor. F'dan il-kaz din il-Qorti ma tarax alternattiva ghal piena karcerarja.

Il-Qorti tqis li f'dan il-każ, kif ingħad qabel hemm xamma ta' razziżmu meta qalulu li huma (ċjoe dawk tal-karnaġġjon tiegħu) kienu "Africa people". Hemm ukoll il-fatt li dan ir-reat jirrużulta li seħħ għal motivi futili mingħajr ma ġie bl-ebda mod provokat għajr ħlief minn sens ta' diċenza murija minn Dia meta talab lil passiġġieri biex jersqu lura jew jgħaddi lura hu, fl-aħħar mill-aħħar biex ikun hemm spazju biżżejjed. Minbarra dan ir-reat seħħ fil-kuntest ta' miġgħema ta' disa' minn nies u jirriżulta wkoll li Eddali kien armat b'arma regolari mentri El Magtouf kien armat b'arma irregolari ( a fol 65 – "Witness: Ehe. The short one have the knife, the tall one the other one glasses") – Eddali jidher li użaha mentri ma jirriżultax soddisfaċentement li El Magtouf uża l-flixkun. Dawn huma ċirkostanzi li l-Qorti tqis li huma ta' serjeta tali li jimmeritaw piena karċerarja effettiva.

Għaldaqstant qegħda tikkundanna lil **Khaled Eddali** għall-piena ta' **<u>tnax il-xahar priġunerija</u>** filwaqt li tikkundanna lil **Abdulkarim Mohamed El Magtouf** għall-piena ta' **<u>għaxar xhur priġunerija</u>**.

***Mogħtija illum, il-15 ta' Ġunju 2016 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***